WIRT IŻ-ŻEJTUN



*Ħajt il-Wied fi tlugħ ix-xemx*


**BIEX INŻOMMUK INFURMAT**

**Ġunju 2015** **Ħarġa Nru. 17**




## Il-Ħnejja ta' Ħajt il-Wied

Wara li fix-xhur li għaddew seħħ incident fejn bil-kaġun t'hekk waqgħet il-ħnejja li kienet issebbaħ it-tarf ta' Ħajt il-Wied minn Triq Scortino, Wirt iż-Żejtun qed taħdem sabiex din il-ħnejja storika terġa' tittella' kif kienet. Fil-fatt, fil-passat diversi nies li attendew għall-mixjiet kulturali ma' Wirt iż-Żejtun żaru dan il-post mhux biss minħabba l-valur storku ta' dawn l-inħawi, iżda wkoll minħabba d-dehera pittoreska li kienet tagħti din il-ħnejja mat-truf l-inħawi mibnija tar-Raħal t'Isfel, qabel ma tmidd riġlejk fir-raba' li jsebbaħ Ħajt il-Wied.



## *Editorjal:* Teżor tad-Deheb f'Delimara

**Reġa' wasal is-sajf. Hekk kif jagħmlu bosta Maltin, iż-Żwieten ukoll jerħula lejn il-baħar, min ir-Ramla u min f'xi waħda mill-bajjiet sbieħ li nsibu f'Delimara. Sa ftit snin ilu dawn l-inħawi kienu fil-konfini taż-Żejtun, iżda għalkemm m'għadhomx, dawn l-inħawi xorta għadhom f'qalb iż-Żwieten. Minkejja dan, kemm verament aħna ż-Żwieten napprezzaw is-sbuħija u l-istorja ta' dawn l-inħawi?**

Se nagħżlu li nitkellmu biss dwar Delimara, ilsien ta' art bil-baħar fuq żewġ naħat, bil-parti li tħares lejn il-Lvant, imżejna b'numru ta' daħliet bi xfar ta' rdum bajdani. Nitilqu mill-Munxar, bl-ewwel daħla wara Xrobb il-Għaġin tkun il-Ħofra l-Kbira, b'Ras il-Fenek fuq naħa u t-Tieqa fuq l-oħra. Imbagħad il-Ħofra ż-Żgħira, St Peter's Pool u fl-aħħar il-Kalanka, sbieħ mhux biss fil-jiem bnazzi tas-sajf, iżda matul l-istaġuni kollha. Għaliex għandna ngawdu dawn l-inħawi fis-sajf biss u mhux ukoll meta truf l-art u l-għelieqi jħaddru u jlewwnu? Forsi għax niddejqu nimxu? Forsi għax ma napprezzawx biżżejjed l-ambjent naturali? Forsi għax drajna infittxu postijiet oħra n-naħa ta' fuq ta' Malta? Jew forsi biex ma nagħrfux l-għasafar mill-imnasab jew it-tiri tal-kaċċatur!

Xi ngħidu għall-bini storiku li hemm u jinsab f'telqa ttarrax? Il-Batterija ta' San Pawl, miżbla. Il-Fortizza Tas-Silġ, miżgħuda bil-klieb flok bit-turisti. It-Torri u l-Knisja ta' San Pawl ħadd ma jaf bihom. Tafu li fi Xrobb l-Għaġin hemm fdalijiet ta' wieħed mit-Torrijiet ta' De Redin? Il-Fortizza ta' Delimara wara li intużat mill-majjali dalwaqt jibilgħuha l-ħut. Il-Fanal biss sab xotrih!

Fil-passat, għax aħna ma tajniex kasha, ħaddieħor ħa vantaġġ minnha u stuprha. L-ewwel billi ħassrilha deritha mir-Raħal is-Sajjieda, wara billi tefa' gaġeġ bi xbieki kbar sabiex jitma' popli mbiegħda fil-Ġappun.

***Jekk aħna se nibqgħu siekta u ma napprezzawx id-deheb li għandna f'idejna għax nixtiequ l-fidda ta' ħaddieħor, għada pitgħada uliedna se jisħtu l-apatija li għixna fiha.***

## NAWGURAWLKOM IL-FESTA T-TAJBA



# IX-XLOKK L-EWWEL ART



Mat-tbexbix ta’ nhar il-Ġimgħa 18 ta’ Mejju 1565, dehru l-ewwel xwieni Torok fuq ix-xefaq tax-Xlokk. Il-kanuni ta’ Sant Iermu u Sant’ Anġlu ġew sparati biex javżaw ’l Imdina u ‘l Għawdex bil-wasla tal-għadu. Mas-sinjal, in-nies bdew jinġabru għall-kenn tal-Birgu u l-Imdina. Sa nofsinhar tal-għada s-Sibt, it-Torok kienu diġa’ niżżlu 3,000 suldat u bdew mexjin lejn iż-Żejtun. Qrib iż-Żejtun saret l-ewwel taqtigħa mal-Insara. Dan kien il-bidu tal-Assedju l-Kbir tal-1565. Ix-Xlokk ta’ Malta kienet l-ewwel art li fuqha rifsu t-Torok, 450 sena ilu.

Wara li s-sena l-oħra Wirt iż-Żejtun fakkret l-400 sena mill-aħħar ħbit tat-Torok tal-1614, kien xieraq li din is-sena ningħaqdu mal-kumplament tal-pajjiż sabiex infakkru għeluq l-450 sena mill-Assedju l-Kbir. Ħassejna li din it-tifkira niċċelebrawha bit-twettiq ta’ proġett ta’ restawr utli f’gieh il-wirt kulturali li għandna fiż-Żejtun. Xtaqna li dan il-proġett b’xi mod ikollu x’jaqsam max-Xlokk ta’ Malta, l-ewwel art li fuqha niżlu t-Torok meta invadew lil Malta fl-1565. U għalhekk ġie deċiż li tiġi restawrata mappa unika minquxa fil-ġebla Maltija li turi d-dehra tax-Xlokk ta’ Malta bix-xemx tiela’ mil-Lvant. Din il-mappa tinsab fuq il-bieb prinċipali tad-dar tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta’ Ġesu’, fi Triq San Luċjan, viċin ħafna tal-iskola primarja taż-Żejtun, u li nċidentalment, kienet ukoll tintuża bħala waħda mill-ewwel skejjel fiż-Żejtun.

Min-naħa ta’ Wirt iż-Żejtun, ridna li l-intervent ta’ konservazzjoni u restawr li jsir mill-għaqda, jkun wieħed professjonali u etikament korrett. Kien għalhekk li tqabbdet sa biex tagħmel dan ix-xogħol Jane Marie Vella, restawratriċi professjonali miż-Żejtun. Ix-xogħol kien jikkonsisti f’tindif, konsolidazzjoni u restawr ta’ partijiet nieqsa u sar matul ix-xahar t’April. Il-kxif tal-mappa restawrata sar mill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Kunsilli Lokali, l-Onor Dr Owen Bonnici, waqt lejla mużiko letterarja li ittelgħet nhar it-30 t’April 2015.

# ATTIVITAJIET OĦRA

### KNISJA ANTIKA, BINJA ANTIKA

### MIXJA KULTURALI

### IL-MAJJISTRA

### IX-XLOKK BENNIENA TA’ STORJA

Lejliet il-festa ta’ San Girgor, nhar it-Tlieta 7 t’April, Wirt iż-Żejtun organizzat attivita’ informattiva bit-tema “Knisja Antika, Binja Antika”, fil-Knisja l-Qadima ta’ Santa Katarina, jew kif inhi magħrufa, l-Knisja ta’ San Girgor.
F’din l-attivita’, il-Perit Karen Abela ippreżentat ir-riċerka li għamlet fit-teżi tagħha dwar l-istruttura ta’ din l-istess knisja. Din il-knisja hija fost waħda mill-eqdem binjiet pubbliċi li għandna f’Malta u tmur lura għall-perjodu medjevali. L-istruttura u t-tfassil tal-binja huma ta’ valur arkitettoniku kbir għal pajjiżna.

Nhar il-Ħadd 26 ta’ April 2015, matul in-nofs ta’ nhar ta’ filgħodu, Wirt iż-Żejtun organizzat mixja kulturali fiċ-ċentru taż-Żejtun.
Din il-mixja bdiet minn Misraħ Carlo Diacono u kompliet fit-toroq dojoq tal-Gwiedi, l-inħawi li jiġu taħt il-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun. F’dawn l-inħawi, b’mod speċjali fi Triq Santa Katarina, dawk li attendew għal din il-mixja setgħu japprezzaw is-sbuħija ta’ djar barokki li nsibu f’din it-triq.
L-artist Żejtuni, Anthony Spagnol, dawwar lil dawk preżenti max-xogħolijietartistiċi li nsibu fil-knisja taż-Żejtun. Wara kien hemm l-opportunita’ li nżuru l-mużew tal-Arti u Storja tal-parroċċa.
Matul din il-mixja saret żjara wkoll fil-Każin tas-Soċjeta’ Mużikali Beland, kif ukoll fit-Tejatru Pandora, tal-Għaqda Banda Żejtun.

Fid-dinja tal-lum ftit huma n-nisa li jikkunsidraw iwelldu tarbija d-dar. Ma kienx hekk żgur sa nofs is-seklu li għadda. Il-maġġoranza tan-nisa ta’ dak iż-żmien kienu jwelldu d-dar bl-għajnuna tal-qabla, jew kif inhi aħjar magħrufa il-Majjistra. Il-Majjistra kienet membru integrali tal-komunita’ tar-raħal u kienet tagħti servizz indispensabbli qabel, waqt u wara t-twelid, fi żmien meta l-isptarijiet moderni tal-lum u l-kura kif nafuha ma kienux jeżistu.
Janice Cassar ippreżentat riċerka li għamlet dwar il-qwiebel Maltin bejn l-1900 u l-1990, waqt taħdita li saret nhar il-15 ta’ Mejju fis-7 ta’ filgħaxija fil-Juventutis Domus, fi Triq San Girgor, iż-Żejtun.

Ix-Xlokk Benniena ta' Storja hija attivita’ li saret il-Ħadd, 17 ta' Mejju 2015 fejn matula żorna Għar Dalam, it-tempji ta' Borġ in-Nadur, il-villaġġ ta' Żmien il-Bronż u il-Villa Rumana f'ta' Kaċċatura.